**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 10 ta' Marzu 2016**

**Kawza Numru : 16**

**Rikors Numru : 716/2010 JPG**

**John Cauchi [K.I. 101257(M)]**

**VS**

1. **George sive Gino Cauchi [K.I. 198059(M)]; u**
2. **GEOMIKE LIMITED (C 8820) ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tal-attur John Cauchi tas-16 ta'Lulju 2010, li taqra hekk:

*"<u>Dikjarazzjoni</u>*

1. *Illi fis-sena 2005, meta hu l-attur u cjoe l-konvenut George Cauchi, kien ghaddej mill-process ta' separazzjoni legali minn ma' martu Rosette Cauchi, kien intlahaq ftehim bejn l-imsemmi konvenut u l-attur, illi l-attur jixtri sehem l-imsemmija Rosette Cauchi mill-komunjoni ta' l-akwisti ezistenti bejna u l-konvenut George Cauchi u dana versu s-somma ta' hamsin elf lira Maltin (LM50,000) – li llum huma ekwivalenti ghal mija u sittax –il elf erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centenzmi (€ 116.468.67).*

2. *Illi fost l-assi formanti l-imsemmija komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konvenut u martu kien hemm l-azzjonijiet tal-kumpanija konvenuta Geomike Limited, liema azzjonijiet kienu kollha, hlief ghall-azzjoni wahda rregistrati f'isem il-konvenut.*

3. *Illi skont 'l fuq imsemmi ftehim ezistenti bejn il-kontendenti ahwa Cauchi, l-attur kellu jakkwista nofs (½) l-azzjonijiet tal-kumpanija konvenuta kif ukoll jidhol fi shab mal-konvenut.*

4. *Illi effettivament meta wasal iz-zmien li jsir il-kuntratt ta' seperazzjoni bejn il-konvenut u martu, l-attur hallas lill-mart il-konvenut tramite l-avukat ta' l-istess konvenut, is-somma pattwita ta' hamsin elf lira Maltin (LM50,000) oltre is-somma ulterjuri ta'elf lira Maltin bhala spejjez legali, u dana l-pagament sar permezz ta' zewg bank drafts li kopja taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u B.*

5. *Illi ghalhekk il-konvenut George Cauchi akkwista sehm martu Rosette Cauchi bhala mandant u fuq kollox fiducjarju ta' l-attur.*

6. *Illi insegwitu ghal dan il-ftehim, u wara li gie iffirmat il-kuntratt ta'separazzjoni personali bejn il-konvenut u martu, in vista tal-fatt li l-attur kien issa akkwista hamsin fil-mija (50%) tal-kumpanija konvenuta, huwa beda johrog il-flejjes mill-fondi personali tieghu u beneficcju tal-istess kumpanija konvenuta peress li din kienet fi stat finanzjarju prekarju hafna u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

7. *Illi fost l-ohrajn, l-attur sborsa is-somma ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000) u dana sabiex il-Bank of Valletta plc, bhala kreditur tal-istess kumpanija konvenuta, jieqaf milli jipprocedi ghal-bejgh in subbasta tal-proprjeta' tal-kumpanija konvenuta.*

8. *Illi effetivament, ghalkemm l-ebda azzjoni tal-kumpanija ma giet formalment registrata f'isem l-attur kif ukoll huwa qatt ma gie formalment*

*innominat bhala direttur tal-istess kumpanija konvenuta, l-attur kien involut direttament fix-xoghlijiet ta' refurbishment tal-"Cote d'Azur Restaurant" proprjeta' tal-kumpanija konvenuta u in fatti fost l-ohrajn l-attur dahal bhala garanti in solidum ta' l-istess kumpanija konvenuta mal-Bank of Valletta plc u dana kif jirrizulta mill-anness Dok. C u D.*

9. *Illi minkejja dan kollu l-azzjomnijiet li l-attur kien akwista kif fuq spjegat, baqghu qatt ma gew registrati f'isem l-attur u baqghu registrati f'isem il-konvenut George Cauchi li kwindi qed jiddetjeni tali azzjonijet taht obbligazzjonijiet ta' natura fuducjarja favor l-attur.*

10. *Illi minkejja lil-konvenut gie interpellat sabiex jonora l-obbligazzjonijiet tieghu u konsegwentament nofs (½) l-azzjonijet tal-kumpanija konvenuta jigu finalment formalment registrati f'isem l-attur, il-konvenut baqa' inadempjenti.*

<u>*Raguni tat-talba*</u>

*Illi l-attur kien dahal fi ftehim mal-konvenut hut George Cauchi permezz ta' liema l-attur akkwista fost l-ohrajn nofs (½) l-azzjonijet tal-kumpanija konvenuta Geomike Limited u dana billi l-attur xtara sehem mart il-konvenut mill-komunjoni ta' l-akkwist ezistenti bejnha u l-istess konvenut;*

*Illi effettivament l-attur hallas is-somma ta'hamsin elf lira Maltin (LM50,000) liema somma inghatat lill-mart il-konvenut meta gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u l-konvenut datat 21 ta'Lulju 2005 atti Dottor Marco Burlo' (Dok.E) u permezz ta' liema kuntratt giet terminata u llikwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnhom;*

*Illi in segwitu ta' tali kuntratt ta' separazzjoni u in vista tal-ftehim ezistenti bejn l-attur u l-konvenut, l-attur hareg diversi flejjes ohra, anke favur il-kumpanija konvenuta u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Illi minkejja li l-attur kien akkwista nofs (½) l-azzjonijet tal-kumpanija konvenuta dawn l-azzjonijet baqghu registrati f'isem il-konvenut bhala fiducjarju ta' l-istess attur;*

*Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jadempji l-obbligazzjonijiet tieghu – u dana anki permezz ta' ittra ufficjali – u konsegwentement jaghmel dawk l-atti kollha necessarji dabiex nofs (½) l-azzjonijiet tal-kumpanija konvenuta jigu registrati f'isem l-attur – xorta baqa' inadempjenti;*

*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Talbiet*

*Illi jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja id-dikjarazzjonijiet kolha opportuni:*

1. *Tiddikjara li l-attur huwa l-propjetarju ta' nofs (½) l-azzjonijiet ezistenti fil-kumpanija konvenuta Geomike Limited.*

2. *Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jaghmlu dawk l-atti kollha necessarji sabiex nofs (½) l-azzjonijet ezistenti fil-kumpanjia konvenuta Geomike Limited jigu registrati f'isem l-attur.*

3. *Tinnomina fl-eventwali nuqqas daparti tal-konvenuti li jadempju tali ordni skond it-talba precedenti, kuraturi deputati u tati dawk l-ordnijiet kollha necessarji sabiex jespletaw tali ordni.*

*Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta'Marzu 2010 (Ittra Numru 949/10) u tal-Mandati ta' Inibizzjoni Numru 1145/10 fl-ismijiet fuq premessi pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' George sive Gino Cauchi tal-24 ta' Novembru 2010 (a fol. 36 ) li taqra hekk:

1. *Illi ma huwiex minnu li kien intlahaq xi forma ta ftehim ghal bejh jew xiri ta ishma li l-esponenti jippossjedi fis-socjeta intimate Geomike Limited kif qed jallega r-rikorrenti ghal liema raguni l-esponenti ghandh., jigi liberat mi1-osservanza tal-gudizzju*

2. *Illi, subordinament u minghajr pregudizzju,l-esponenti qatt ma ffirma xi skrittura relattiva ghat-trasferiment ta ishma kif allegat mir-rikorrenti u dan kif rikjest sew mil-Memorandum and Articles tas-Socjeta Geomike Limited kif wkoll mil-ligi u ghalhekk kwalunkwe allegat ftehim, li dato ma non concessa, kien hemm huwa null u bla effetti ai fini u effetti tal-Ligi*

3. *Illi, dato ma non concesso, jekk kien hemm xi tip ta ftehim ta trasferiment ta ishma, dan kien wiehed li jekwivali ghal skrittura privata u min imkien ma jirrizulta li l-eccepjenti , entro t-termini ta tlett xhur rikjest mil-ligi, qatt gie nterpellat sabiex jersaq fuq dan l-allegat ttasferiment ta ishma.*

4. *Fil-mertu, kull ghoti ta garanzija jew hlas ta debitu ma jammontax ghal promessa ta bejgh ghal liema raguni t-talba attrici, kif dedotta, ghandha tigi rigettata*

5. *Illi fil-mertu, kull somma allegatament avanzata lil ecepjenti, din dejjem giet mghoddija fuq bazi personali u bl-ebda mod u manjiera qatt kienet marbuta ma xi obligu li jigu trasferiti xi ishma f'isem r-rikorrenti kif qieghed jigi allegat ghal liema raguni t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda*

6. *Salv eccezzjonijiet ohra"*

Rat ir-risposta ta' Geomike Limited C9920 tal-24 ta' Novembru 2010 (a fol. 38 ) li taqra hekk:

1. *Illi l-eccipjenti socjeta intimata ma hix il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti stante illi fl-ebda hin ma jirrizulta li kien hemm xi talba jew avviz ta trasferiment ta ishma kif qed jigi allegat u ghalhekk kull allegat diskors jew arangement li seta kien hemm bejn l-intimat George Cauchi u r-rikorrenti hija ta natura personali ghalihom*

2. *Fil-mertu, it-talbiet attici, kwantu jolqtu s-socjeta ecipjenti, ghandhom jigu,michuda bl-ispejjes, peress illi minn imkien ma jirrizulta li qatt kien hemm xi skrittura li tekwivali ghal promessa ta bejgh kif trid il-ligi u di pui, anche jekk ghal mertu ta l-argument seta kien hemm tali, dan tilef kull effett fil-ligi peress illi ma jirriuzltax illi r-rikorrenti ottempra ruhu ma dak kontemplat fil-ligi, f'kazijiet simili, sabiex jissalvagwardja d-drittijiet minnu pretisi.*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur John Cauchi tal-15 ta' Jannar 2015 (a fol. 485 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' George sive Gino Cauchi tad-9 ta' Marzu 2015 (a fol. 504 et seq.);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**John Cauchi** xehed permezz ta' affidavit ezebit a fol 44 - 55 illi wara li ghamel zmien twil jghix l-Irlanda huwa kien iddecieda li jigi lura Malta minhabba li kien issepara minn ma' martu. Dan iz-zmien huh ukoll kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni personali u kien stqarr mieghu li kien ser jitlef id-dar matrimonjali u r-restaurant bl-

isem Cote d'Azur peress illi ma kellux bizzejjed flus biex jixtri sehem martu mill-komunjoni tal-akkwisti. Huwa kien bil-hsiebu jixtri d-dar ta' ommhom, izda wara li semgha lill-huh, ftehim mieghu li minflok jixtri sehem mart l-intimat mill-komunjoni tal-akkwisti biex b'hekk isiru shab fin-negozju. Huma kienu ftiehmu li ghal ewwel kollox jibqa' rregistrat fuq isem l-intimat, minhabba li l-proceduri ta' separazzjoni tieghu kienu ghadu ma gewx iffinalizzati. Qal li kien ftiehem hekk mal-intimati minhabba li kien jafdah f'kollox, avvolja ommu kienu wissietu biex joqghod attent mill-intimat.

Originarjament mart l-intimat kienet qed titlob ghas-somma ta' Lm80,000 ghal sehemha izda eventwalment din is-somma giet ridotta ghal Lm50,000. Ir-rikorrent kien qabel li jhallas din is-somma meta gie nformat mill-intimat, u ghalhekk kienet ghadda cheque ta' Lm50,000 lil Avukat tal-intimat. L-intimat kien anke talbu sabiex ihallas il-mizati tal-Avukat, u r-rikorrent kien accetta u ghadda wkoll cheque ta' Lm1,000 sabiex ihallas l-ispejjez tal-avukat tal-intimat.

Xehed illi dak iz-zmien is-socjeta Geomike Ltd kienet fi tat dizastruz u ghalhekk hekk kif issepara l-intimat, bdew jahdmu biex jergu igibu s-socjeta fuq saqajha. Ghal dan il-ghan **kienu saru xi laqghat mal-accountant u l-awditur Sergio Darmanin u Peter Paul Darmanin, u anke mar-Recoveries Section tal-Bank. Ir-rikorrent u huh kienu wkoll ghamlu testment fejn hallew lil xulxin bhala l-eredi taghhom.**

Jane Mifsud, mir-Recoveries Section tal-Bank kienet qalilthom li kien hemm dejn fl-ammont ta' Lm75,000 u li parti minn dan id-dejn kellu jithallas. Ghalhekk huwa ghamel bank transfer mill-kont tieghu mal-HSBC fl-ammont ta' Lm40,000, liema pagament kien jikkostitwixxi sehemu bhala partner u shareholder fil-kumpanija ntimata. In-nofs l-iehor kellu jithallas mill-intimat. Sussegwentement ftehmu li jiehdu loan mill-bank biex jizviluppaw il-proprjeta ta' Hal Tarxien. Kellhom laqghat mal-perit u bdew jintavolaw l-applikazzjonijiet necessarji mal-MEPA, izda l-bank ma kkoncedilhomx loan peress li kien hemm diga loan ohra. Ghalhekk iddecidew li jbieghu id-dar ta' Hal Tarxien.

Id-dar ta' Hal Tarxien inbieghet ghas-somma ta' Lm130,000. Lm30,000 minn dan l-ammont kien ser jigi mhallas mix-xerrej billi jaghmel xogholijiet ta' refurbishment fir-

restaurant Cote d'Azur. Huma applikaw mal-bank biex tinhareg loan ghal refurbishment, u waqt li kienu ghaddejin in-negozjati fuq il-bejgh tad-dar ta' Hal Tarxien kienet qed tigi processata l-loan. Din il-loan kienet harget u effettivament kien hemm zewg loans favur Geomike Limited u cioe wahda ta' €55,000 u ohra ta' €315,000. Huwa kien jiehu hsieb ix-xogholijiet ta' refurbishment peress illi huh l-intimat kien jahdem l-Splash and Fun.

Huwa provda hafna flus mill-kont personali tieghu favur Geomike Limited, izda xorta wahda il-loan moghtija mill-Bank ma kienetx bizzejjed biex tkopri x-xoghol kollu li kellu bzonn isir. Huwa qal illi l-intimat kien konxju ta' dan. Min habba f'dan, huwa kienet avvicina lil habib tieghu, certu Terry Loane, biex jitolbu self ta' €60,000. Dan Loane, wara li kien mar jara r-restaurant, kien esprima li kien interessat, izda ried ikun jaf iktar irgward is-socjeta Geomike u s-sales projections tar-restaurant, kif ukoll illi xi ishma mill-kumpanija jigu trasferiti f'ismu bhala garanzija ghas-self li kien ser jaghti. L-intimat pero ma accettax illi jigu trasferiti xi ishma fuq isem Loane ghaliex qal li hadd m'ghandu jkun involut bhala azzjonist hlief hu u r-rikorrent. Ghalhekk ma rnexxilhomx jiehdu din il-loan minghand Loane. L-intimat qal li habib tieghu minn Napli, certu Franco, kien wieghdu xi assistenza finanzjarja, izda din l-assistenza qatt ma wasslet.

Madwar Awissu tal-2009, l-intimat kien waqaf mill-impjieg tieghu mal-Splash and Fun u kien beda jkun ta' kuljum fir-restaurant. Huwa kien jistaqsi lir-rikorrent ghal cash sabiex jithallsu xogholijiet u r-rikorrent dejjem kien jipprovdi dawn mill-kontijiet personali tieghu.  Huma kienu juzaw il-Premier Card Account tar-rikorrent, li kellhu massimu ta' €35,000 u kienu miftiehmin illi meta dawn jispiccaw iduru fuq il-kont li r-rikorrenti kellhu mal-Bank of Ireland. Qal illi l-intimat kien semplicment jitolbu ghal card u hu kien jaghtielu.

Ghal habta ta' Noembru 2009 kien ftiehmu li jikkombacaw il-birthday party ta' Carlos, iben l-intimat, mal-ftuh tar-restaurant. Ir-rikorrent hallas ghal ikel u xorb mill-flus tieghu personali. Qal li sa dak iz-zmien kien ghadu ma sarx it-trasferiment ta' ishma f'ismu, ghaliex huwa kien jafda lil huh. Ftiehmu li jifthu r-restuarant ghal pubbliku fl-20 ta' Novembru 2009, u r-rikorrent hallas ghal-ahhar xogholijiet u ghall-istocking bi flus kontanti mill-kont personali tieghu. Matul dan iz-zmien l-intimat beda jevita

laqghat fl-ufficju ghaliex ir-rikorrent ried li jiddiskuti t-trasferiment tal-ishma u r-repayments tal-flus kollha li kien hareg.

Lejn l-ahhar weekend ta' Novembru 2009, ir-rikorrent kien qabbad lil certu Jason Azzopardi sabiex jahdem ta' barman fir-restaurant, peress illi Christian, l-iben il-kbir ta' George, ma setghax. Meta sar jaf b'dawn l-intimat irrabja hafna u qal li lil Azzopardi ma riedux hemm. Meta ra li Azzopardi xorta kien qieghed fir-restaurant, huwa cempel u qallu li ser jaghlaq ir-restaurant. L-attur talab lil bintu Fiona, li kienet qieghda hemmhekk sabiex tghid lill-istaff biex jergu jidhlu u jkomplu fuq xogholhom, ghaliex ir-restaurant kienu fully booked. Meta wasal l-intimat kien jidher irrabjat hafna, u kien spicca sawwat lir-rikorrent, li sussegwentement irrapporta l-akkadut lill-pulizija. L-intimat kien tressaq il-Qorti u ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Fl-24 ta' Dicembru 2009 staqsieh dwar it-trasferiment tal-ishma u l-intimat kien qallu biex jipprepara d-dokumentazzjoni kollha u jaghmel appuntament man-Nutar f'Jannar 2010. Matul l-ewwel gimgha ta' Jannar 2010, ir-rikorrent kellhu diversi laqghat man-Nutar u mal-avukat tieghu, u n-nutar kien anke tkellem mal-accountant Sergio Darmanin sabiex jaraw kif l-ahjar ghandu jsir it-trasferiment tal-ishma. Gie iffissata laqgha ghal-25 ta' Jannar 2010. Sa dan it-tant ir-rikorrent kien kellem lill-intimat fuq pagament dovuti ghal Premier Card Account, izda l-intimat qallu li huwa ma kienx responsabbli ghal dan il-kont. Minn hawnhekk ir-rikorrent beda jisuspetta f'huh. Ghalhekk kien mar il-bank biex jivverfika dwar il-kont li kien infetah f'isem iz-zewg kontendenti, u fuq parir tal-ufficjali tal-bank kien ghamel tibdil fis-sens illi kien hemm bzonn il-firma tat-tnejn biex jinhargu l-flus, minflok il-firma ta' xi hadd minnhom biss.

Fil-laqgha tal-25 ta' Jannar 2010, l-intimat irrifjuta li l-ishma tas-socjeta Geomiku jkunu maqsuma nofs bin-nofs bejniethom. L-intimat qallu li huwa kien keccieh mir-restuarant u ghalhekk issa kellhu jhallas ghal dak li ghamel u telaq il-barra. Wara mar ir-restaurant sabiex ikellem lill-intimat, izda dan qallu li jekk ma jitlaqx minn hemm immedjatament kien ser icempel lil Pulizija. Wara dan ma kellux iktar laqghat, izda l-haddiema li kienu ghamlu x-xoghol fir-restaurant u l-wholesalers baqghu icemplu lilu ghal hlasijiet.

Ir-rikorrenti fix-xhieda viva voce a fol 221 – 224, xhed illi huwa kien irrekordja laqgha li kienet saret mal-intimat peress li kien qed jisuspetta li l-intimat kien qieghed iqarraq bih. L-intimat ma kienx jaf illi l-laqgha kienet qed tigi rrekordjata. It-traskrizzjoni ta' din ir-recorded saret mis-segretarja tieghu, u ikkonferma li dak li hemm recorded gie traskritt.

In kontro-ezami, a fol 344 – 355 xehed illi huwa mhux familjarji mat-terminu legali fiducarju izda bih jifhem illi huwa kien imwieghed f'partnership ma' huh kif kienu ftehmu. Qal illi l-problema tieghu ma' huh hija li meta marru biex jitrasferixxu x-shares, l-intimat irrifjuta u keccieh. Qal illi huwa nvesta l-flus biex xtara is-sehem ta' mart l-intimat mill-komunjoni tal-akkwisti. Ikkonferma illi kien hallas Lm51,000, cioe Lm50,000 ghal sehem mart l-intimat mill-komunjoni tal-akkwisti u Lm1,000 ghall-ispejjez tal-avukat. Mistoqsi ghalfejn assuma li meta hareg dak l-ammont kien xtara nofs il-komunjoni meta l-intimat kellhu jhallas, skont il-kuntratt ta' separazzjoni Lm20,000 ohra lill-uliedu, huwa wiegeb illi dan kien ghaliex hekk ftehmu hu u huh. Mistoqsi jekk l-ammont li hallas kienx self u wiegeb fin-negattiv.

Ikkonferma li d-dar matrimonjali kienet inbieghet mill-intimat ghal prezz ta' Lm130,000. Mistqosi jekk minn dak l-ammont huwa thallasx lura is-somma ta' Lm60,000 wiegeb illi l-intimat kien qallu biex jaghmel ic-cekk il-bank biex bihom ikollhom bidu biex jinvestu fir-refurbishment tar-restaurant. Qal li ddepozitah fil-kont bankarju tieghu peress illi l-intimat ma kellux wiehed. Ghalhekk ir-rikorrent ta prokura lil huh fuq il-kont tieghu sabiex l-intimat ikun jista' jiffirma c-cekkijiet li johorgu ghan-negozju.

Mistoqsi ghalfejn fuq il-loans ma deherx bhala debitur principali izda biss bhala garanti, wiegeb illi dan kien ghaliex kien hemm ftehim illi l-ishma ma jigux trasferiti mill-ewwel minhabba l-ispejjez legali involuti u ghaliex l-intimat kien ghadu ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni u ghalhekk ma setghax jiddikjara li xtara sehem fin-negozju ta' huh ghaliex kien isir parti mill-komunjoni tall-akkwisti. Qal illi l-flus li uza kienu flus li hu qala' mill-impjieg tieghu fl-Irlanda, u minflok iddepozithom il-bank iddecieda li jinvestihom fin-negozju.

**<u>Nazzarenus sive Ronnie Cauchi</u>**, prodott mir-rikorrent, xehed permezz ta' affidavit a fol 83 – 84 illi hu jigi hu l-kontendenti, u li kien jaf li r-restaurant bl-isem Cote d'Azur, li kien tal-intimat u martu Rosette, u kien jitmexxa mill-intimati. Dan ir-restaurant kien ilu maghluq ghal hafna snin ghaliex huh kellu problemi mal-kredituri u kien qed jissepara minn ma' martu. Fis-sena 2005 ir-rikorrent kien qallu li huhom l-intimat kien ser jitlef kollox u kellu bzonn l-ghajnuna u li hu kien lest li jghinu. Filfatt **<u>l-intimat stess kien qallu illi r-rikorrent kien ser johrog il-flus sabiex jixtri sehem martu kemm tad-dar matrimonjali u kif ukoll tar-restaurant.</u>** L-intimat kien qallu illi d-dar matrimonjali kienu ser jikkonvertuha f'appartamenti, izommu wiehed kull wiehed u l-ohrajn ibieghhom, biex mill-profitt li jaghmlu minnhom jirrangaw ir-restaurant u jergu jifthuh.

Semma okazzjoni fl-2008 meta **<u>l-intimat kien qallu li r-rikorrent kien qed johrog il-flus hu sabiex jitranga ir-restaurant peress illi hu (l-intimat) ma kellux. Infatti l-intimat kien qieghed jahdem l-Splash & Fun biex jghix</u>**. **<u>L-intimat kien qallu li kieku ma kienx ghal ghajnuna tar-rikorrent kien tilef kollox. L-intimat qal ukoll li kien ihalli kollox f'idejn ir-rikorrent.</u>** Qal li filfatt meta kien imur ir-restaurant kien dejjem isib lir-rikorrent mal-haddiema jiehu hsieb ix-xogholijiet ta' refurbishment li kienu ghaddejin.

Ronnie Cauchi xhed illi darba minnhom l-intimat kien cempillu u qallu li kien qieghed vakanza il-Mauritius mal-partner tieghu Doriette, u baqa' skantat u staqsieh minn fejn kien gab il-flus, peress li kien jaf li l-intimat ma kellux flus, tant illi anke huwa kien sellef xi flus lill-intimat. L-intimat wiegbu li r-rikorrent kien sellfu l-credit card biex ihallas it-tickets u jkollu x'jonfoq.

Xehed illi minn drabi kollha li mar izur ir-restaurant, darba biss kien ra lill-intimat hemm u dan kien  f'Ottubru tas-sena 2009. Ix-xogholijiet kien wasslu fl-ahhar, u l-intimat kien qallu li kollox kien bis-sahha tar-rikorrent. Ronnie ghalhekk wissieh sabiex din id-darba joqghod attent u ma jaghmilx bhal ma kien ghamel lil huhom l-iehor Michael.

**<u>Darren Borg</u>**, prodott mir-rikorrent, xehed permezz ta' affidavit a fol 85 – 87 illi ghal habta ta' Lulju tas-sena 2009, flimkien ma' huh Keith, kien iltaqa' mar-rikorrent ghall-

ewwel darba fir-restaurant Cote d'Azur, ghaliex kien ra illi kienu qed isiru xi xogholijiet u ghalhekk minhabba li kien tas-sengha dahal jistaqsi jekk kellhomx bzonn ta' xoghol ta' gypsum u tibjid. Ir-rikorrent kien qalilhom biex jergu jigu peress illi x-xoghol kien ghadu lura. Xehed illi hu u huh kien marru lura jaghtuh quotation u kien nnegozjaw il-prezz u ftehmu sabiex jibdew ix-xoghol. Ir-rikorrent dejjem kien jghidilhom li jrid jikkonferma ma huh George, pero huma dejjem innegozjaw mar-rikorrent biss.

Xehed illi l-intimat kien beda jmur ta' kuljum ir-restaurant f'Settembru tas-sena 2009, ghaliex qabel dan kien imur ftit filghodu biss qabel imur ghax-xoghol l-Splash & Fun. John minn naha l-ohra kien ikun fuq il-post kuljum u l-gurnata kollha, jiehu hsieb ix-xogholijiet. Meta l-intimat beda jmur kuljum, saru hbieb u beda jkellmu fuq affarijiet personali, inkluz is-separazzjoni tieghu. **L-intimat kien qallu li r-rikorrent kien hallas lill-martu Rosette is-somma ta' Lm50,000 ghal sehemha.** Ir-rikorrent semmielu wkoll li apparti r-restaurant kien hemm dar Hal Tarxien li kienu ser iwaqqu u jtellu flats minflokha, izda minhabba xi problemi mal-bank kellhom ibieghu minghajr ma jaghmlu l-progett.

Dan id-diskors l-intimat kienu qalulu iktar minn darba. Kien qallu wkoll li kien isellef il-credit card tar-rikorrent sabiex ikun jista' jmur vakanza il-Mauritius u Orlando mal-partner tieghu. L-intimat kien qallu li originarjament din kien isselifha ghal li jista' jkun tinqala emergenza, izda meta kienet f'idu beda jonfoq bl-addocc. Dan il-kliem qatt ma sar quddiem r-rikorrenti. Qal li filfatt, meta kienu jkunu qed jahdmu kemm il-darba ra lill-intimat jitlob lir-rikorrent il-flus, u dan kien jaghtih il-credit card. Borg ikkonferma illi r-rikorrent **kien qallu li hu u l-intimat kienu shab u li hu u huh kienu hadu loan minghand il-bank flimkien in konnessjoni mar-restaurant.**

Meta lestew ix-xoghol taghhom f'Novembru 2009 huwa kien mar jithallas minghand ir-rikorrent, peress li l-intimat kien jghidlu sabiex dwar flus jitkellem mar-rikorrent. Filfatt kien jghidlu li sakemm jinfetah ir-restaurant ikellem lir-rikorrent, imbaghad wara li jiftah ikellem lilu. Ir-rikorrent kien qallu li kien maghfus ghall-flus u kien talbu biex jistenna ftit ghal hlas. Ghalhekk kienu ftehmu li jithallas elfejn Ewro sal-21 ta' Dicembru 2009. Meta qorbot id-data kien mar ir-restaurant u kien sab lill-intimat biss. Dan kien qallu li flus ma kienx hemm u kellhom jistennew. Huwa kien mar

darba ohra ghal pagament, u rega sab lill-intimat li kien qallu biex icempel lir-rikorrent. Meta cempel lir-rikorrent dan baghtu lura ghand l-intimat u spjegalu li l-intimat kien tah xeba u tefghu il-barra mir-restaurant.
Xehed ukoll illi hemm bilanc pendenti ta' €23,000 ghax-xoghol li sar minnu u minn huh u li fil-fatt fetah kawza kontra l-kontendenti.

**David Borg,** prodott mir-rikorrent, xehed permezz ta' affidavit a fol 87 – 88 illi hu jigu missier Keith u Darren Borg, u flimkien ma' uliedu jaghmel xoghol ta' gypsum u tibjid. Qal illu uliedu kien hadu xi xoghol fil-Cote de Azur Restaurant, u hu kien mar l-ewwel darba jara x-xogholijiet xi xahar wara li dawn bdew. Dakinhar kien iltaqa ghal ewwel darba mal-kontendenti. Mill-ghada beda jmur kuljum, u beda hbiberija mal-intimat.

Xehed illi **l-intimat kien qallu dwar is-separazzjoni minn ma' martu u kif din riedet Lm50,000 ghal sehemha u kien sab lill-intimat li ried jidhol fi shab mieghu u jixtri sehem martu.** Xehed ukoll illi meta kien jaghtih xi suggerimenti dwar ix-xoghol li kien qed isir l-intimat kien jghidlu biex jiddiskuti dan mar-rikorrent peress li kien hu li kien hareg il-flus. Qallu li meta jifthu r-restaurant hu kien ser jiehu hsieb il-kcina filwaqt li r-rikorrent kien ser jiehu hsieb fuq barra. Qal li **mid-diskors tal-intimat ghalih kien ir-rikorrent li kien is-sid peress illi mhux l-ewwel darba li l-intimat kien jghid "Hawn jikkmanda John."**

Qal li kien mar darbtejn ghal pagament. Darba minnhom **l-intimat qallu li hu m'ghandux x'jaqsam ghaliex il-flus kien johroghom r-rikorrenti.** Darba minnhom irnexxilu jaqbad lir-rikorrent u dan kien tah cheque ta' €500. Huwa baqa' jmur ghand l-intimat ghal bqija tal-flus, pero fl-ahhar dan qallu biex ma jmurx iktar ghandu u jmur ghand ir-rikorrent peress li huwa kien responsabbli ghall-pagamenti.

**Keith Borg**, hu Darren ikkonferma x-xhieda tal-istess Darren u ta' missieru David Borg.

**PC601 Axel Micallef,** prodott mir-rikorrent xehed a fol 94 – 95 illi kien sar rapport minn certa Mary Grace Borg nee Haber minhabba l-hsejjes li kien jghamel extractor dan tar-restaurant Cote d'Azur. Huwa kien mar fuq il-post u kellem lill-intimat. Huwa

kkonferma l-kontenut tal-affidavit tieghu ezebit a fol 72 – 74, u kkonferma li kienu **ttiehdu proceduri kemm kontra l-intimat kif ukoll kontra r-rikorrent.**

**Carmel Cauchi**, prodott mir-rikorrent, xehed permezz ta' affidavit a fol 100 – 102 illi hu jigi hu l-kontendenti xehed illi r-rikorrent kien gie lura Malta fis-sena 2005, fl-istess zmien meta l-intimat kellu problemi finanzjarji, tant li r-restaurant Cote d'Azur kien ilu maghluq snin. L-intimat kien jghidlu li hu u r-rikorrent kienu ser jizviluppaw ir-restaurant flimkien. Ir-rikorrent kien johrog il-flus ghall-intimat, u kien ddecieda li ma jixtrix d-dar ta' ommhom peress li minflok iddecieda li jixtri s-sehem tal-mara tal-intimat meta sseparaw. Kien ir-rikorrent li qallu b'dan.

Il-kontendenti kien urewh il-pjanti fir-rigward tal-pjan li kellhom li jibnu appartamenti minflok id-dar matrimonjali tal-intimat. Fl-2007 pero r-rikorrent kien avvicinah biex jghinu jsib xerrej ghal din id-dar peress illi kienu rcevew xi karta mill-bank li kienet tghid li d-dar kienet ser tinqabad. Ghalhekk hu kien iltaqa' mal-kontendenti biex jiftehmu fuq prezz, liema decizjoni ittiehdet mill-kontendenti flimkien. Wiehed mill-persuni li ha biex jara l-post, Leli Curmi, kien iddiskuta l-possibilita illi parti mill-prezz jithallas b'xoghol fir-restaurant. Dan il-ftehim kien intlahaq u kien sar konvenju ghand in-Nutar Malcolm Mangion. Ix-xogholijiet fir-restuarant minn Curmi bdew ftit granet wara u xi drabi hu kien ikun prezenti mar-rikorrent waqt li kienu ghaddejin ix-xogholijiet. Dak iz-zmien l-intimat kien jahdem l-Splash & Fun, ghalhekk filwaqt li r-rikorrent kien ikun ir-restaurant il-hin kollu, l-intimat kien jghaddi jitawwal biss.

Dakinhar tal-kuntratt tal-bejgh, hu kien mar ghand in-Nutar mal-kontendenti, u r-rikorrent kien ghaddielu *cheque* mill-kont personali tieghu ta' Lm1,300. In-Nutar kien ghadda c-*cheque* bil-bilanc ta' Lm60,000 tal-prezz lill-intimat u dan kien ghaddieh lir-rikorrent u kien qallu biex jiddepozitah fil-kont tieghu. Wara dan huwa baqa' jmur ir-restaurant u kien anke ghamel xi xogholijiet hu stess. Hu jiftakar zewg argument bejn il-kontendenti fuq kif kellu jsir ix-xoghol; darba ghaddiet tar-rikorrent u darba tal-intimat. Ir-rikorrent kien jiehu hsieb il-pagamenti tal-haddiema u kien hu li jinnegozju maghhom. Meta x-xogholijiet kien waslu fl-ahhar l-intimat telaq mix-xoghol tieghu l-Splash & Fun u beda jmur ir-restaurant kuljum. Kien inzamm birthday party ghal Carlos, iben l-intimat fir-restaurant, u dan kien qisu l-ftuh tieghu.

Id-diskors li kien isir kien dejjem li l-kontendenti kienu partners fis-socjeta Geomike, u hu qatt ma kellu l-ebda dubbju dwar dan. Qal illi huwa dejjem kien iwissi lir-rikorrent biex joqoghod attent mill-intimat peress li kien dahaq b'huhom Michael, u li filfatt kien ghamel xi xogholijiet fir-restaurant biss ghaliex kien involut ir-rikorrent.

**<u>Audrey Ghigo</u>**, in rapprezentanza tal-Bank HSBC, prodotta mir-rikorrent xehdet a fol 103 – 109 illi r-retention period tal-bank huwa ta' hames snin u ghalhekk ma setghatx tikkonferma minn hareg il-*bank drafts* bin-numru 388926 u 388927 fl-20 ta' Gunju 2005 u fl-22 ta' Gunju 2005. **Xehdet illi jirrizulta li hemm prokura datata 4 ta' Jannar 2008 fuq il-kont bankarju tar-rikorrent bin-numru 050 029 420 001 favur l-intimat li kienet giet ikkancellata fit-23 ta' Frar 2010.**

Meta giet riprodotta (a fol 126 – 129) ezebiet dokument, li jinsab a fol 130 tal-process, illi juri li fl-20 ta' Gunju 2005 kienu sar *cash withdrawals* fl-ammonti ta' €2,370.98, ta' €59,187.38 u iehor ta' €59,187.38 mill-kont bin-numru 050029420451 intestat f'isem ir-rikorrent.

Ix-xhud regat giet riprodotta u a fol 162 - 165, xehdet illi il-bank draft tac-cekk bin-numru 306 fl-ammont ta' Lm460 gie mahrug mill-persuna bil-karta tal-identita numru 101257M (fol 168 – 169). Il-*bank draft* bin-numru 207 fl-ammont ta' Lm1000 ukoll inhareg mid-detentur tal-karta tal-identita bin-numru 101257M (fol 170 – 171). Il-*Bank draft* fl-ammont ta' Lm40,000 favur il-Bank of Valletta inahreg ukoll mid-detentur tal-karta tal-identita bin-numru 101257M (fol 166 – 167).

**<u>L-avukat Dr. Norval Desira</u>**, prodott mir-rikorrent, xehed a fol 123 – 125 illi hu kien jippatrocina lill-intimat fil-proceduri ta' separazzjoni. **<u>Ikkonferma b'referenza ghad-dokument ezebit a fol 6 illi dawn il-flus kien intuzaw sabiex tithallas il-mara tal-intimat fis-separazzjoni.</u>**

**<u>Raymond Galea</u>**, prodott mir-rikorrent, xehed permezz ta' affidavit a fol 137 illi ghal habta tas-sena 2008 kien gie avvicinat mir-rikorrent sabiex jaghmel xi xoghol ta' katusi fir-restaurant Cote d'Azur. Huwa kien mar fuq il-post u ltaqa' mal-kontendenti. Huma spjegawlu x'kellhom bzonn, u minn dakinhar ghamel hafna xoghol fil-post.

Ghal dawn ix-xogholijiet kienu jqabbduh kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat, ghalkemm kien ir-rikorrent li kien ikun l-iktar fuq il-post. **Il-pagamenti dejjem irceivhom minghand ir-rikorrent,** li xi drabi kien ihallsu b'*cheque* u xi drabi bi flus kontanti wara li kien jigbidhom minn ATM tal-HSBC fil-presenza tieghu. Huwa qal li meta l-kontendenti kienu kellmuh l-ewwel darba dan **kien bhala shab u li filfatt darba kien sema lill-intimat jghid lic-chef li hu u r-rikorrent huma shab fin-negozju.**

**<u>Carmel Spiteri</u>**, prodott mir-rikorrent xehed permezz ta' affidavit a fol 138 – 139 illi huwa ilu jaf lill-kontendenti minn tfulithom u li fis-sena 2006 kien gie avvicinat mir-rikorrent biex jaghmel xoghol ta' *interior designer* ghar-restaurant Cote d'Azur. Il-kontendenti kienu marru l-ufficju ghandu bil-pjanta tar-restaurant, imbaghad kien mar hu fuq il-post. Id-diskors li kien sar quddiemu **sa mill-bidu nett kien li l-kontendenti kienu partners fir-restaurant.** Waqt li kien qed ihejji l-pjanti kellu kuntatt maz-zewg kontendenti, pero kien iktar jitkellem mar-rikorrent peress li dejjem kien isibu r-restaurant. **Huwa esebixxa kopja ta' zewg *cheques* li kien ghaddielu r-rikorrent bhala pagament, u l-ircevuti relattiva li kienu saret fuq is-socjeta Geomike Limited.** Qal illi l-invoices dejjem kien jghaddihom lir-rikorrent. L-intimat kien ghamillu cheque darba akkont ta' €500, u r-rimanenti €680 kienu thallsu permezz ta' *bank draft* li ezebixxa kopja tieghu a fol 145. Dan kien l-unika pagament li kien ghamel l-intimat, u l-bqija ha hsieb kollox ir-rikorrent. Finalment xehed illi wara li telaq ir-rikorrent mir-restaurant, huwa ma hax pagament iehor ghax-xoghol tieghu.

**<u>Anna Debono</u>**, *Branch Manager* ta' Luqa Branch tal-HSBC, prodotta mir-rikorrent xehdet a fol 150 - 156 illi ma kellhomx kopja tal-*vouchers* tal-*bank drafts* li nhargu fl-2005 peress li r-*retention policy* tal-bank hija ta' hames snin. Ikkonfermat pero illi huwa l-firmatarju tal-kont biss li jista' johrog *bank drafts* mill-kont tieghu. In kontro-ezami qalet li min ikollu prokura jista' johrog pagamenti wkoll.

**<u>In-Nutar Joseph Debono</u>**, prodott mir-rikorrent, xehed a fol 176 – 183 illi r-rikorrent kien innomina lill-intimat bhala l-eredi tieghu permezz tat-testment ippublikat f'Jannar tal-2006. **F'dik l-istess gurnata l-intimat kien ghamel it-testment tieghu, u jidher li l-kontendenti ghamlu lil xulxin eredi.**

**<u>Jane Mifsud</u>**, prodotta mir-rikorrent, xehdet a fol 184 – 187 illi l-file ta' Geomike Limited jinsab fir-*recoveries department* ghaliex ma kienux qed isiru hlasijiet. Hija gharfet lir-rikorrent, li kienet iltaqghat mieghu personalment in konnessjoni ma' dan il-*file* u qalet li r-rikorrenti kien ser jidhol jghin fis-sitwazzjoni finanzjarja, u ghalhekk talab u inghata access ghall-informazzjoni wara awtorizazzjoni mill-intimat. Il-bilanc dovut lil bank dak iz-zmien, cioe xi 2004 jew 2005, kien ta' circa Lm75,000. **<u>Xehdet illi r-rikorrent kien ta cheque cioe' dak mmarkat bhala Dok JC3 li jinsab a fol 60 – 62 tal-process.</u>** Wara dan il-pagament kien ghad fadal bilanc li thallas minn bejgh ta' proprjeta ta' Hal Tarxien.

**<u>Natasha Barun</u>**, prodotta mir-rikorrent, xehdet a fol 188 – 194 illi kienet tahdem bhala *Relationship manager* il-Fgura Business Centre, u taf lir-rikorrent ghaliex gieli kien prezenti mal-intimat waqt xi laqghat li kellhom fil-Fgura Business Centre. Il-kontendenti kienu originarjament marru biex jitolbu loan biex tigi zviluppata proprjeta f'Hal Tarxien, izda din il-loan qatt ma kienet inghatat. Il-loan li eventwalment kienet inghatat kienet maqsuma fit-tnejn; wahda biex jithallsu kontijiet pendenti tas-socjeta Geomike u l-ohra biex jigi rrenovat ir-restaurant. Ghalkemm is-socjeta kienet tal-intimat, ir-rikorrent kien dejjem ikun hemm ghal laqghat u kien jiehu sehem attiv. Il-garanzija ghal loan li inghatat kienet ghamlitha s-socjeta Geomika fuq il-proprjeta taghha, u l-kontendenti personalment. L-intimat kien imur ghandha wara li harget il-loan bl-ircevuti tal-kuntratturi, u kien jinhargu c-cekkijiet relattivi.

In kontro-ezami a fol 362 – 364 ikkonfermat illi l-facilita ta' self kienet ittiehdet mill-kumpanija u l-persuni kienu garanti.

**<u>Sergio Darmanin</u>**, l-accountant tas-socjeta Geomike Limited, prodott mir-rikorrent, xehed a fol 203 – 220 illi huwa jaf lir-rikorrent peress illi kien introducihom l-intimat meta kienu marru biex jergu jifthu r-restaurant Cote d'Azur. Il-hanut kien tas-socjeta Geomika, li bhala azzjonisti kellha lill-intimat, u lil huh Michael Cauchi li kellu sehem wiehed f'din il-kumpanija. Meta huwa gie introdott mar-rikorrent, il-kumpanija ma kellha l-ebda finanzi, ebda assi likwidi biex jithallsu d-djun, ghaliex il-kumpanija kellha biss il-proprjeta fejn kien ir-restaurant. Il-kumpanija kellha wkoll problemi mad-Dipartiment tal-VAT.

**Ir-rikorrent gie introdott lilu bhala hu l-intimat u "bhala partner li ha jahdmu flimkien biex jergghu jifthu l-hanut."** Kienu inzammu xi laqghat mill-kontendenti flimkien mieghu biex jaraw kif setgha jerga jinfetah ir-restaurant. Huhom Michael ma kienx dahal fin-negozju avvolja kellhu sehem fil-kumpanija. Biex kellhom il-kapital biex jifthu r-restaurant kienu hadu loan mill-bank ta' circa erba mitt elf Ewro (€400,000). Ftakar illi dak iz-zmien kien hemm interess minn persuna barranija li tidhol bhala investitur fil-kumpanija, izda ma ftakarx l-isem ta' din il-persuna. Jidhirlu li kien Irlandiz. Huwa kien prepara xi dokumentazzjoni in konnessjoni ma' dan.

**Ftakar ukoll illi l-kontendenti kienu saqsewh parir fuq kemm tigi biex ikun hemm shareholding transfer** u kien qalilhom li peress li hemm proprjeta immobbli bilfors trid issir valutazzjoni minn perit. Ftakar ukoll illi kien hemm *meeting* partikolari fejn l-intimat kien qabad u telaq il-barra, pero ma ftakarx x'kien id-diskors li sar f'din il-laqgha.

**In-Nutar Bisazza kien kellmu biex jaraw kif l-ahjar li jduru l-ishma minn fuq l-intimat ghal fuq ir-rikorrent biex ma jehlux flus.** Ir-rikorrent kellhu awtorita biex jara l-*accounts* tal-kumpanija, u kien anke jigi bid-dokumenti hu.

Gie prezentata traskrizzjoni ta' konversazzjoni li saret bejn il-kontendenti fl-24 ta' Dicembru 2009 fl-ufficju tar-restaurant Cote d'Azur, li tinsab a fol 226 – 232. F'hin minnhom, l-intimat jghid: *"Int lili ghamlitli hekk...lili...go hwejjgi"* (ln 6) izda mbaghad jikkoregi lilu nnfishu u jghid *"hwejjigna"* (ln 10, 12). Parti ohra tat-traskrizzjoni taqra hekk:

> ***John:"Kif sa nghamel Gijn bix-xhares jien?" (ln 15)***
> ***George: "Mhux nirrangawhom!!"*** *(ln 16)*
> *(...)*
> *John: "Issa, jien ghandi l-karti lesti biex taqleb ix-xhares...jekk it-trid...jew ghidli x'ser nghamlu...imorru ghand in-nutar tieghu u da...Ghandi kollox preparat" (ln 25 - 27)*
> ***George: "Issa halli dawn l-erbat ijiem u mmorru."*** *(ln 26)*
> *John: "Kemm naghmel appuntament biss." (ln 27)*

> *George: "Halli ghal-ewwel gimgha ta' Jannar u mmorru." (ln 28)*
> *John: "Nistghu. Alright." (ln 29)*

**<u>Antiella Grech</u>**, prodotta mir-rikorrent, xehdet a fol 241 – 249 illi hija perit u kien involuta f'applikazzjoni sabiex il-fond ta' Hal Tarxien jitwaqqa u jinbena minflokk garaxx u blokk residenzjali, fl-indirizz 'Rosette' Triq il-Kurunell Mass, Tarxien. Il-klijent kien l-intimat George Cauchi. Hija kienet tiltaqa' mhux biss mal-intimat izda anke mar-rikorrent, u t-tnejn kienu jitkellmu bhala persuni involti f'dak il-progett.

**<u>Roland Attard</u>**, *Manager Litigation* fil-*Legal Office* tal-Bank of Valletta, prodott mir-rikorrent, xehed a fol 250 – 254 illi r-rikorrenti ghandu *joint current account* flimkien mal-intimat, bl-isem Cote d'Azur restaurant. Ghandu wkoll *joint savings account* flimkien mal-intimat, ukoll bl-isem Cote d'Azur restaurant. Iz-zewg kontijiet kellhom facilita ta' *internet banking*. Originarjament din setghat tintuza miz-zewg kontendenti, pero sussegwentment il-facilita tal-intimat giet imwaqqfa.

**<u>Terence Loane</u>**, prodott mir-rikorrent, xehed permezz ta' affidavit a fol 301 – 302 illi huwa il-konslu ta' Malta fl-Irlanda u kien iltaqa mar-rikorrent fis-sena 2002 meta gie appuntat, u zamm kuntatt mieghu minn dak inhar. Fl-2005 l-intimat kien qallu li kien ser jinvesti f'Malta. Qallu li huh kien kien qed jissepara minn mal-mara u peress li ma kellux flus biex jixtri sehem martu, huwa kien accetta illi jixtri dan is-sehem hu. **Kien qallu li kien ser jonfoq madwar Lm50,000**. **Qal li sehemu kien jinkludi nofs is-shareholding tas-socjeta Geomike Ltd li kellha restaurant Marsaskala**. Eventwalment ir-rikorrent kien infurmah li kien xtara dan is-sehem u illi issa hu u huh kien shab ugwali f'kull progett.

Ir-rikorrent kien qallu li hu u huh kellhom l-intenzjoni li jizvilupaw dar f'Hal Tarxien li kienet id-dar matrimonjali tal-intimat u martu. Ir-rikorrent kien qallu li kellhom xi problemi b'dan il-progett u wara li kienet l-intenzjoni taghhom li jergu jifthu r-restaurant Cote d'Azur. L-intimat imbaghad kien qallu li kellhom ibieghu id-dar ta' Hal Tarxien minhabba problemi mal-bank.

Fis-sena 2009 ir-rikorrent kien avvicinah u qallu li kellhom problemi bir-*refurbishment* tar-restaurant ghaliex ma kienx fadlilhom hafna flus u staqsieh jekk setghax jaghti lill-kumpanija loan ta' Lm60,000. Huwa staqsa lir-rikorrent biex imur jara r-restaurant u kienu marru darbtejn flimkien mal-mara tax-xhud u l-assistenta personali tieghu. Huwa interessa ruhhu u ghalhekk talab li ssir laqgha mal-intimat ukoll u l-awdituri tal-kumpanija biex tigi diskussa l-kwistjoni. Filfatt kienet sar laqgha li ghaliha kienu prezenti x-xhud, il-kontendenti, Sergio Darmanin u missieru Peter Paul Darmanin. Il-kontendenti introducew lilhom infushom bhala partners fil-kumpanija. Huwa kien talab biex jinghata *sales projection* ghat tliet snin li kienu gejjin u li jgibu *up to date* il-*filing* taghhom mal-MFSA u jhallsu kull outstanding liability li kien hemm. L-awdituri assigrawh illi kien ser jippreparaw id-dokumentazzjoni u jibghatlu kollox fi ftit jiem.

Ftit tal-granet wara qal lir-rikorrent illi sabiex jaghti dak is-self ried garanzija fil-forma ta' shareholding fil-kumpanija, u talba biex jiddiskuti dan mal-intimat. **Eventwalment ir-rikorrent informah li l-intimat ma accetax** u minhabba f'hekk u l-fatt li ma kienx sodisfatt bil-projection li inghata iddecieda li ma jsellifx flus lill-kontendenti.

In kontro-ezami a fol 376 – 382 xehed illi is-somma ta' Lm60,000 li kien gie mitlub kienet intiza fil-kuntest ta' jekk kienx lest illi jghinhom ilestu r-restaurant. Qal illi wara li mar jara r-restaurant kien interesat hafna li jkun involut pero hu ried garanzija ghas-self li kien ser jaghmel, **billi jigi moghti xi ishma mill-kumpanija**, **haga li l-intimat ma kienx lest li jaghmel**. Huwa qal li fuq din il-kwistjoni ta' shares qatt ma kien kellem lill-intimat direttament.

<u>**In-Nutar Dottor Victor John Bisazza**</u>, prodott mir-rikorrent, xehed a fol 303 illi r-rikorrent kien informah illi hu u l-intimat kien ftehemu illi r-rikorrent jiehu s-sehem li jisthoqlu mill-kumpanija Geomike talli kien xtara sehem il-mara tal-intimat mill-komunjoni tal-akkwisti. <u>**Hu kien tkellem fuq it-telefone ma' Sergio Darmanin minhabba li l-ezercizzu ta' share trasnfer jinvolvi l-hlas ta' taxxi sostanzjali, u waqt din it-telefonata huwa kien fehem li Darmanin issugerixxa l-awment tal-kapital tal-kumpanija biex hekk ir-rikorrent jigi li jkollu nofs il-kumpanija u**</u>

**jigu ffrankati t-taxxi. Ftakar ukoll li kien hemm xi ntopp peress illi huhom Michael kellu sehem fil-kumpanija.**

Gie ezebita traskrizzjoni ohra, din id-darba ta' laqgha li kienet saret fl-ufficju tal-awdituri/*accountants* Peter Paul u Sergio Darmanin, fejn prezenti kien hemm il-kontendenti, Peter Paul Darmanin u Sergio Darmanin. Din it-traskrizzjoni tinsab ezebita a fol 306 – 310 tal-process. Parti minnha taqra:

> ***Sergio: Issa jien ghidtlu isma ghax ma nistawx nghamlu Increasing Shares Capital, u John jidhol bix-shares...***
> *(...)*
>
> ***George: Issa kif ha jinqasmu ix-shares?***
> *John: Ix-shares jinqasmu evenly, imma mbaghad hemm ix-share ta' Michael kif kont spjegajtlek jiena l-ahhar darba.*
> *(...)*
>
> ***John: Issa mhux equal shares ahna ftehmna.***
> ***George: Le mhux fifty-fifty ta! Ara xi hrigt int, nara xi hrigt jien. Jekk hrigt izjed inti, hu iktar inti...Jekk hrigt iktar jien, nohroq iktar jien...Ara xi hrigt.***
>
> *John: Jien ma rridx...imma jiena ma rridx izjed minnek Gino.*
> ***George: Jien ma rridx iktar jiena...ma rridx inqas minnek. Jiena rrid li haqna.***
> *(...)*
>
> *George: Li haqna, jiena hrigt id-dar mija u erbghin elf, mija u tletin elf...ara kemm jigu euros, hrigt il-hanut, jiswa miljun euro...Ara x'hareg hu...jinqasmu min-nofs.*
> *John: Le! Le! Ma tahdimx hekk. Ha nghidlek...*
> *(...)*
>
> *John: Ghax meta int kont ha tissepara minn ma' Rosette...*

*George: Ehe!...*

***<u>John: Ahna kellna agreement...</u>***

***<u>George: Kellna hafna agreements John!</u>***
*(...)*

***<u>George: L-agreement tal-illum joghod! Hekk ha tinqasam il-kumpanija!</u>***

***<u>George: Hekk ha naghmilha! Jekk tghogbok lilek...jekk trid ghamilha!..jekk ma tghogobkx mur il-barra u mexxi kif trid int. Hekk trid tinqasam Sergio! Ara x'hareg hu, ara xi hrigt jien, values, proportional u tinqasam!</u>***
*(...)*

*John: X'gara Gino? Ghalfejn qed taghmel hekk?*
*(...)*

***<u>George: "Iva keccejtni!...preferejt [....] minn floki. Issa you have to pay for it!</u>***

*George: Hemmhekk ha nibdel anke ic-cwievet jien...Sergio hekk mexxi! Proportional...ara x'harge hu, xi hrigt jien u daqshekk.*

**<u>L-intimat George Cauchi</u>** xehed a fol 330 – 338 illi il-kumpanija Geomike hija tieghu. Din ma fihijiex partners; hemm hu bhala *major shareholder* u huh Michael illi ghandu sehem wiehed. Huwa qal li Lm50,000 li jissemmew fir-rikors promotur tar-rikorrent kienu pagament ghas-separazzjoni personali minn ma' martu, u l-flus kien harighom ir-rikorrent biex jghinu halli jibda s-separazzjoni bl-intent li jirranga r-restaurant. **<u>Innega li r-rikorrent kien dahal bhala speci ta' socju, ghaliex dawk il-Lm50,000 kien self biss</u>**. **<u>Qal li intenzjonijiet u hsiebijiet kien hemm hafna, pero fatti xejn.</u>** Xehed illi meta r-restaurant Cote d'Azur gie stmat biex jaghmlu *loan* mal-BOV il-perit kien stmah kwazi miljun Ewro. Il-mara tieghu kienet kuntenta tiehu

Lm50,000 ghal sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, ghaliex fil-kuntratt ta' separazzjoni huwa obbliga ruhhu li jghaddi ghaxart'elef kull wiehed lil uliedhom, u allura b'hekk hallas is-somma ta' Lm70,000. Meta nbieghet id-dar matrimonjali parti mill-flus marru ghall-*loan* tal-bank u parti fil-kont ta' huh John. Id-dar kienet inbieghet b'kollox ghas-somma ta' mija u tletin elf lira, li tletin minnhom kellhom isiru f'xogholijiet ghar-restaurant.

**Qal illi kien hemm diskussjonijiet ma' huh rigward xiri ta' ishma izda qatt ma waslu. Qal li ghal bidu kien hemm self minn naha ta' huh bl-intenzjoni li jew jaghtihomlu lura jew indahhlu f'sehem fil-kumpanija.** Innega li jaf lin-Nutar Bisazza.

A fol 373a- 373f ipproduca dokument li jinsab ezebit a fol 375 li jispjega li l-loan li kienet saret mal-BOV kif intefqet u l-bilanc u l-izbilanc li kien hemm l-ahhar. Spejga illi meta kien qed jissepara martu riedet Lm70,000 ghal sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, u ftehmu illi jaghti Lm50,000 fuq il-kuntratt ta' separazzjoni u Lm10,000 kull wiehed lit-tfal. Huh kien hareg il-hamsin elf lira dovuti lill-martu, u elf lira biex ikopru l-ispejjez tal-avukat.

Xehed illi l-ftehim ma' huh kien li johrog dawk il-hamsin elf, u jirrangaw ir-restaurant a spejjez tieghu u jekk jaghmel dan kollu, ikollhu nofs l-ishma tal-kumpanija. Imbaghad ir-rikorrent qallu li kellu problemi biex igib il-flus minn barra. Ir-rikorrent staqsa habib tieghu, certu Terry Loan biex isellifhom xi flus , izda rrizulta li dan ma kienx interessat u ghalhekk kellhom jiehu loan mill-bank. Il-*loan* kienet ittiehdet mill-kumpanija u r-rikorrent kien qaghad garanti. Meta nbieghet id-dar l-ammont li kien fadal wara li thallset il-*loan* li kienet fuq isem Geomike Limited u xi spejjez ohra, u cioe Lm60,000 kien gie depozitat fil-kont bankarju tar-rikorrent sabiex jintuzaw ghar-refurbishment tar-restaurant peress illi huwa kien ghad m'ghandux kont bankarju u allura ma kienx ser ikun jista' johrog cekkijiet hu.

Qal illi meta beda x-xoghol ta' *refurbishment*, ir-rikorrent kien jiehu hsieb dan ix-xoghol bhala *project manager*. Xoghol ir-rikorrent kien li jiehu hsieb dawn ix-xogholijiet peress li hu (l-intimat) kien jahdem l-Splash & Fun. Kienu hadu *loan* ta'

kwazi erba mitt elf Ewro dejjem bit-tama li ghandu l-flus gejjin minn barra u jhallas in-nies. Qal li hemm hafna nies li ghandu kawzi pendenti maghhom.

Ir-restaurant beda jopera f'Dicembru tal-2009 u darba minnhom l-intimat kien mar biex jiehlu l-flus tas-*sales* tar-*restaurant* biex jimla l-*visa card* personali tieghu. Hu qallu li dawk il-flus kellu bzonnhom biex ihallas il-pagi u jixtri l-materjal. Qal illi kellhom kwistjoni ghaliex ir-rikorrent kien impjega persuna li hu ma kellux pjacir biha u kienu gew fl-idejn. Qal li issa r-restaurant joperah hu ghaliex ir-rikorrent ma jifhimx fil-*catering* u filfatt kien dejjem qallu biex ir-restaurant imexxieh hu.

A fol 383 u 385 ezebixxa *projected expenditure list*, li kien ghamel ir-rikorrent, u li wkoll kienu uzaw biex hadu loan mill-bank.

In kontro-ezami, a fol 386a –386J qal illi is-somma ta' Lm51,000 kien hallasha lura lir-rikorrent. Mistoqsi rigward il-fatt li fix-xhieda tieghu kien qal li s-somma ta' Lm60,000 mill-bejgh tad-dar ta' Hal Tarxien kellha tintuza ghar-restaurant wiegeb illi ma kienx qal hekk, ghaliex il-flus gew depozitati f'kont tar-rikorrent u ma jafx x'ghamel bihom. Meta rega gie mistoqsi fuq dan qal:

> *"Is-sixty thousand li marru fil-kont tieghu l-intenzjoni kienet li naghmlu kollox flimkien, pero flus hu kien ghadu ma gabx allura ghidtlu itfa dawn issa meta jekk il-bank johrog il-loan dawn ikunu s-sixty thousand tieghu."*

Rega gie suggerit lilu li allura is-somma ta' Lm50,000 ma thallsitx u wiegeb

> *"Le mhux ma thallsux tajtu sixthy thousand, issa uzahom ghal xiex ried hu. Jien prevedejt hemmhekk mhux kien fatt."*

Mistoqsi jekk kienx qieghed jghid allura li s-somma ta' Lm60,000 ma gietx uzata ghar-restaurant wiegeb li ma jafx.

Gie suggerit lilu li r-rikorrent kien ukoll tah is-somma ta' Lm40,000 biex jithallas il-Bank of Valletta, u gie mistoqsi jekk dan l-ammont hallsux lura. Ghal l-ewwel wiegeb

illi ma jidhirlux imma ma kienx cert, izda mbaghad qal li ma jiftakarx li r-rikorrent kien hareg dik is-somma. Aktar tard pero qabel illi il-bank kien dovut ammont aktar minn dak li thallas mal-bejgh tad-dar.

L-intimat xhed illi lir-rikorrent kien qallu biex is-somma ta' Lm60,000 jiddepozitaha fil-kont tieghu biex filkaz tintuza ghar-restaurant, u jekk ir-restaurant ma jimmaterjalizzax ikun kopert. Mistoqsi jekk jaqbilx li kien talbu *loan* lil Terry Loane wara li kien hadu l-*loan* tal-bank ghaliex kienu qed jispiccawlhom il-flus, wiegeb fin-negattiv. Jghid li Terry Loane kienu kellmuh qabel hadu *loan* mill-bank.

Misqtosi ghalfejn kienu fethu *joint account* flimkien jekk ma kienx hemm ftehim li jsiru shab fin-negozju, wiegeb ***"Ghax hekk kien id-diskors."***

Spjega sussegwentement illi:

> ***"l-ftehim kien package...li nizviluppaw id-dar matrimonjali mhux inbieghuha, mhux li nbieghuha li nizviluppawha ghax kellu jgib il-flus hu biex naghmlu refurbishment li qatt ma gew, ghalija gejna f'posizzjoni li meta dar ghal Terry Loane u Terry Loane waqqalu qal li mhux viabbli jew whatever ma kienetx tajba kellna nbieghu id-dar matrimonjali, kelli nbiegha nsomma."***

Qabel illi l-*fees* ghal applikazzjonijiet ta' MEPA kien harighom ir-rikorrent, u hu qatt ma hallsu lura. Qabel ukoll illi hu u r-rikorrent kienu marru jaghmlu testment u spjega illi *"Ia hallejna testment ghax ghidt mhux sewwa illi jekk nigi nieqes jiena ghaddejjin l-affarijiet kollha mbaghad inti tigi lampa stampa."* Mistoqsi rigward il-fatt li r-rikorrent kien anke hareg flus mill-kont personali tieghu wiegeb li ma jafx. Meta gie mistoqsi rigward il-fatt li anke hu kien juza l-*credit card* tar-rikorrent wiegeb illi dan ma kienx minnu. Innega li kecca lir-rikorrent mir-restaurant u qal li kien hemm disgwit bejniethom ghaliex ir-rikorrent ried jiehu l-flus mill-*cash* biex jimla l-*credit card* personali tieghu. Gie issugerit lilu li dan kien ghaliex ir-rikorrent kien juza l-kont personali tieghu biex ihallas spejjez relatati mar-restaurant, wiegeb illi ma jafx.

**Ikkonsidrat;**

Fl-ewwel lok il-Qorti ser tghaddi biex tindirriza l-eccezzjoni preliminari **tas-socjeta intimata**, li qed tikkontendi li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi m'hijiex il-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni ghaliex kwalunkwe ftehim li kien hemm sar bejn l-ahwa personalment u s-socjeta intimata kienet estraneja ghalih.

Fis-sentenza **Albert Falzon Sant Manduca vs Blanche Weale** intqal illi l-interess guridiku m'hemmx bzonn li jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku.[1] Gie deciz ukoll li l-interess rikjest jista' filfatt ikun anke morali jew astratt, purche ikun ta' natura guridika.[2]

Biex jigi stabbilit jekk l-intimat f'kawza huwiex il-legittimu kontradittur, il-Qorti trid tivverfika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li skont ir-rikorrent ikun holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni.

Fis-sentenza **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et**, il-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma illi:

> ***"Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. (…)***
>
> ***Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie legittimu***

[1] **Albert Falzon Sant Manduca vs Blanche Weale**, Qorti tal-Appell Civili (9 ta' Jannar 1959).

[2] **Charles Axiaq noe vs Onorevoli Dr. Fortunato Mizzi noe et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili (31 ta' Ottubru 1952).

> ***kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."***[3]

Din il-Qorti tqis illi, prima facie, s-socjeta ntimata hija l-legittimu kontradittur fil-kawza de quo. In-negozju li sar bejn il-kontendenti kien jinvolvi b'mod konsiderevoli lis-socjeta ntimata, stante illi, skont ir-rikorrent, kien hemm ftehim bejnu u bejn huh illi huwa jsir il-proprjetarju ta' nofs is-socjeta ntimata. Ir-rikorrent jallega wkoll illi huwa ghamel diversi hlasijiet a beneficcju tas-socjeta ntimata, u anke dahal bhala garanti ghal self mehud minnha mill-bank. Ghalhekk il-Qorti tqis illi s-socjeta ntimata hija l-legittimu kontradittur ghaliex, prima facie jidher illi ghandha interess illi tirrispondi ghal l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrent. Il-fatt illi hija naqset ghal kollox milli tressaq xi provi jew sottomissjonijiet ma jfissirx illi m'ghandiex interess guridiku f'din l-azzjoni.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta ntimata qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti ser tghaddi biex titratta l-ewwel eccezzjoni preliminari **tal-intimat** skont liema l-intimat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex qatt ma kien hemm ftehim ta' *share transfer* kif qed jallega r-rikorrent. F'dan ir-rigward il-Qorti inghatat zewg verzonijiet konfliggenti mill-partijiet. Ir-rikorrent xehed illi kien hemm ftehim bejniethom illi jidhlu shab flimkien peress li huwa kien ser jixtri is-sehem tal-mara tal-intimat mill-komunita tal-akkwisti, u li ghalhekk, wara li tigi ffinalizzata s-separazzjoni tieghu fl-Irlanda, isir it-trasferiment tal-ishma biex il-partijiet ikun socji ugwali fis-socjeta Geomike. Minn naha tieghu l-intimat xehed illi qatt ma kien hemm tali ftehim bejn il-partijiet, izda din kienet biss ideja li giet diskussa pero qatt ma kienet iktar minn hekk.

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:

---

3 **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et**, Qorti tal-Appell Civili (5 ta' Ottubru 2001).

> ***"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."***[4]

Inghad ukoll illi: ***"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja."***[5]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:

> ***I. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u***

---

[4] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (24 ta' Novembru 1966).
[5] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) (25 ta' Gunju 1980).

### II. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[6]

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant.[7]

Il-Qorti tqis illi fil-kawza de quo r-rikorrent prova sal-grad rikjest mill-ligi illi kien jezisti ftehim bejnu u bejn huh l-intimat li r-rikorrent kellhu jsir il-proprjetarju ta' ishma fis-socjeta Geomike. L-ewwel nett il-Qorti tqis illi x-xhieda tar-rikorrent kienet kredibbli u konsistenti, u kkorroborata minn provi kopjuzi, inkluz provi dokumentarji, xhieda ta' familjarji u xhieda ta' terzi indipendenti inkluz proffesjonisti.

Ghalkemm l-intimat jinnega li kien hemm dan il-ftehim, u jghid li l-Lm50,000 li r-rikorrent kien hallas lil mart l-intimat Rosette kien biss self, hemm numru ta' xhieda illi semghu lill-intimat stess jghid li hu u r-rikorrent kienu partners fin-negozju u li r-rikorrent kien xtara sehem martu mill-komunjoni tal-akkwisti. Fost dawn kienu Nazzerno, sive Ronnie Cauchi, Darren Borg, David Borg u Keith Borg. Hemm ukoll ix-xhieda tan-Nutar Bisazza, li jiftakar li kien tkellem mal-accountat Sergio Darmanin sabiex jaraw kif l-ahjar jista' jsir it-trasferiment minghajr hafna spejjez, konversazzjoni li giet ikkoroborata minn Sergio Darmanin stess. Barra minn hekk huma relevanti wkoll it-traskrizzjonijiet ta' zewg konversazzjonijiet prezentati mir-rikorrent, fejn l-intimat qatt ma cahad li ghandu jsir dan it-trasferiment tal-ishma, u semmai ma qabilx biss mal-ammont li kellu jigi trasferit, fil-konversazzjoni li sehhet waqt lil-laqgha fl-ufficju tal-accountants tal-kumpanija.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi hija l-verzjoni tar-rikorrent, u cioe li l-partijiet kienu ftehmu li jsiru partners fin-negozju li hija dik il-verzjoni l-aktar kredibbli u attendibbli, u ghaldaqstant din l-ewwel eccezzjoni tal-intimat qed tigi michuda.

---

6 **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) (24 ta' Marzu 2004).

7 **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (19 ta' Mejju 2015).

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti tqis ukoll illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat, fis-sens illi l-ftehim bejn il-partijiet huwa null u bla effett, m'hijiex gustifikata. L-intimat jaghmel referenza ghar-rekwizit provdut mill-Memorandum and Articles tas-socjeta Geomike skont liema ftehim ghal trasferiment ta' ishma irid isir bil-miktub. Din il-parti tal-eccezzjoni zgur li mhux gustifkata stante illi qatt ma gew prezentanti in atti il-Memorandum and Articles tas-socjeta Geomike u ghalhekk ma tinsabx provata.

Inoltre, ma jidhirx illi l-ligi tezigi xi formalitajiet ghal ftehim fuq trasferiment ta' ishma ta’ socjeta’ kummercjali. Il-formalitajiet huma rikjesti sabiex jigi attwat dak il-ftehim.

Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-intimat ressaq ukoll eccezzjoni ta' preskrizzjoni. L-intimat naqas pero milli jispecifika liema Artikolu tal-ligi kien qieghed jirreferi ghalih. Minhabba dak provdut fl-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili, u skont il-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qrati nostrana, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifikata mill-imharrek u ma tistax tiddeciedi hi, minn rajha, liema artikolu tal-ligi huwa applikabbli ghaliex jekk taghmel hekk il-Qorti tkun qed tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva.[8]

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina l-kaz fil-mertu tieghu. L-ahhar zewg eccezzjonijiet tal-intimat ser jitqiesu flimkien.

---

[8] Vide inter alia, **Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (26 ta' Gunju 2003); **Maltacom plc vs Salina Co Limited,** Prim'Awla tal-Qorti Civili (30 ta' Novembru 2004.)

L-intimat jeccepixxi illi ghoti ta' garanzija jew hlas ta' debitu ma jammontax ghal promessa ta' bejgh. Alternattivament jeccepixxi illi kull somma allegatament avvanzata lill-intimat mir-rikorrent kienet fuq bazi personali u ma kienet timporta l-ebda obbligu.

A skans ta' ripetizzjoni ta' dak diga rilevat minnha aktar il-fuq, il-Qorti hija tal-fehma illi hija l-verzjoni tar-rikorrent li hija dik l-aktar kredibbli u verosimili. Il-Qorti tqis illi jinsab assolutament provat illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim illi jsiru shab fin-negozju u kien ghalhekk illi r-rikorrent hallas xi djun tal-intimat, dahal bhala garanti sabiex is-socjeta Geomike tinghata *loan* mill-bank, u zborsa ammonti konsiderevoli ta' flus mill-kont personali tieghu a favur tar-restaurant Cote d'Azur. Barra minn dan, huwa difficli li wiehed jemmen illi persuna thallas -il fuq minn mitejn elf Ewro u tidhol garanti ghal dejn ta -l fuq minn tliet mitt elf Ewro **'fuq bazi personali'**u xejn aktar.

Inoltre, n-natura tal-ftehim ta' bejn il-partijiet ma kienx dak ta' promessa ta' bejgh kif qed jeccepixxi l-intimat. Huwa car mill-provi prodotti illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi jsiru socji fin-negozju, u dan qalu l-intimat stess lil numru ta' persuni illi gew prodotti bhala xhieda f'dawn il-proceduri u **qatt ma gew kontradetti tant li lanqas kontro-ezami taghhom ma sar**.

Ghalkemm l-intimat jghid li jirrizulta li l-valur tal-proprjeta tas-socjeta Geomike huwa ta' oltre miljun Ewro, **fil-verita dan ma jirrizulta minn imkien. Ma tressqet l-ebda prova fir-rigward tal-valur tal-proprjeta tas-socjeta Geomike** u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet tal-intimat f'dan is-sens. **Dan specjalment meta l-intimat jghid ex admissis illi sehem martu mill-komunjoni tal-akkwisti** (li kienet tinkludi dar li nbieghet ghal ekwivalenti ta' €302,325.58 u socjeta li kellha proprjeta li allegatament tiswa miljun Ewro) **kellha l-valur ekwivalenti ghal €116.279.06**. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-intimat ukoll jallega illi r-rikorrent originarjament, u cioe f'ittra ufficjali datata 6 ta' Dicembru 2010, kien qal illi l-ammont li huwa hareg huwa ta' €21,671.28. Din is-sottomissjoni tirrizulta inveritiera peress illi m'hemm l-ebda ittra ezebita fil-process ai termini ta' liema r-rikorrent allega li zborsa biss l-ammont ta' €21,671.28.

Barra minn hekk jirrizulta illi r-rikorrent zborsa aktar mill-ammont imhallas ghal sehem mart l-intimat mill-komunjoni tal-akkwisti u l-hlas ta' difensur legali tal-intimat fil-proceduri ta' separazzjoni, liema somma kienet tammonta ghal **€118,604.65**.

Jirrizulta minghajr dubju illi r-rikorrent kien hareg ukoll is-somma ta' **€93,023.25** (ekwivalenti ghal Lm40,000) sabiex ihallas parti mid-dejn dovut lil Bank of Valletta plc fuq id-dar ta' Hal Tarxien, u dan permezz ta' *cheque* datat 16 ta' Awissu 2006. Dan gie kkorborat mix-xhieda ta' Jane Mifsud illi ftakret li r-rikorrent kien mar jiehu dan ic-*cheque* biex ihallas parti mill-bilanc li ghad kien dovut fuq id-dar fis-somma ta' €174,418.60. (ekwivalenti ghal Lm75,000).

Ir-rikorrent ghamel ukoll depozitu fil-kont ta' Geomike fl-ammont ta' **€89,342.60** (ekwivalenti ghal Lm38,417.32) fit-23 ta' Gunju 2006, liema depozitu ghandu n-numru ta' referenza 32:23-06-2006:2222:61.

Irrizulta wkoll li r-rikorrent hallas is-somma ta' **€1073.85** (ekwivalenti ghal Lm461.50) (fol 65) u €**2329.06** (ekwivalenti ghal Lm1,001.50) (fol 66) lil Mepa fil-5 ta' Ottubru 2006.

Ir-rikorrent hallas lil Carmel Spiteri, l-*interior designer* li ghamel xi xoghol ghar-restaurant Cote d'Azur, mill-kont personali tieghu fl-ammonti ta' **€700** (fol 141) u **€826**.

Ghalhekk jinsab provat minghajr dubbju illi r-rikorrent hareg is-somma ta' **€305,899.41.** Dan apparti li r-rikorrent dahal bhala **garanti ghad-dejn tas-socjeta Geomike fl-ammont ta' €370,000** u ghalhekk jinsab f'posizzjoni fejn il-bank jista' jdur fuqu f'kull hin biex jaghmel tajjeb ghad-dejn tas-socjeta Geomike. Ghalhekk m'hemm bzonn l-ebda tigbid ta' imaginazzjoni biex wiehed jemmen it-tezi tar-rikorrent illi huwa kien nefaq dawk il-flus kollha, u dahal bhala garanti ghal dejn sostanzjali **bl-intiza illi ser jsir socju ugwali ma huh f'dan in-negozju**.

Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-intimat illi r-rikorrent ma hallasx l-ammont kollhu rapprezentanti l-komunjoni tal-akkwisti, peress li ma hallasx is-somma ta' Lm20,000 li kienet miftiehma fuq il-kuntratt ta' separazzjoni bhala manteniment pre-likwidat ghall-ulied l-intimat, il-Qorti tqis illi din hija infondata ghaliex dawk l-ghoxrin elf lira ma kienux parti minn sehem mart l-intimat mill-komunjoni tal-akkwisti izda manteniment ghal ulieda**, u ghalhekk hija kwistjoni ghal kollox separata**. Ma jidhirx illi kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet illi r-rikorrent sahansitra jaghmel tajjeb ghal obbligi personali ta' missier assunti mill-intimat versu uliedu. Lanqas ma huwa verosimili l-argument tal-intimat illi l-ammont allegament mislufa lilu mir-rikorrent gew mhallsa lura, l-ewwel nett ghaliex is-somma ta’ Lm60,000 illi huwa ghadda lir-rikorrent ghaddielu bl-intiza illi din tintuza ghar-*renovation* tal-restaurant, u anke ghaliex din is-somma ma tkoprix l-ammont kollha li gie provat li zborsa r-rikorrent.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi dawn l-eccezzjonijiet huma nfondati.

**Ikkonsidrat;**

Kif inghad fis-sentenza Norman Bezzina vs Anthony Caruana fis-sistema legali taghna nsibu wkoll dak li jissejjah il-mandatarju prestanome li gie deskritt hekk:

> ***“Illi l-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta’ mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f’din il-kwalita’ ta’ mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta’ tal-haga immobili, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta’ tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward tat-terzi jibqa’ l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju***

> ***prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat, u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant."[9]***

Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, persuna li taġixxi ta' prestanome mhijiex ħlief mandatarja u huma r-regoli tal-mandat li jirregolaw ukoll ir-relazzjoni bejn il-prestanom u l-mandant.[10]

L-Artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili jipprovdi illi l-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament. Lanqas l-aċċettazzjoni minn naħa tal-mandatarju ma teħtieġ xi forma partikolari inkwantu skont l-artikolu 1858 tal-Kodiċi Ċivili, din tista' ukoll tkun taċita u tidher mill-fatt.[11]

Fis-sentenza "**Carmela Farrugia vs Giuseppe Farrugia**" jirrizulta car li l-Qorti ghandha tinvestiga dwar x'kienet l-intenzjoni tal-mandatarju li jakkwista f'ismu proprju meta xtara u nfatti l-Qorti qalet hekk :

> ***"Gie deciz, infatti, illi 'il mero fatto di avere il mandatario stipulato l'acquisto di una cosa mobile o immobile in nome proprio, anziche' in quello del mandante, non impedisce che il dominio della cosa stessa passi direttamente dal venditore nel mandante, quando e' provata l'esistenza del mandato e non e' messo in dubbio che il mandatario, nel fare l'acquisto, ebbe di mira di eseguire il mandato" (C. Roma 4 Marzo 1882, Conti c. Felici, riportata filFadda, Vol.IX, pag 738, no.69); "Izda, apparti dana l-fatt, l-opinjoni kuntrarja hija sostnuta minn diversi awturi ohra. Dawn ipartu mill-principju illi l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in bwona fede, u jsostnu li, ghalkemm lill-mandant ma jikkompeti ebda dritt reali fuq il-fond akkwistat mill-mandatarju bis-sahha tal-mandat, pure jirrikonoxxu fil-mandant l-azzjoni personali kontra l-mandatarju, sakemm il-fond jibqa' fil-poter tal-mandatarju, sabiex jikkonsenjalu l-fond***

---

9 **Norman Bezzina vs Anthony Caruana**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (28 ta' Marzu 2003). Vide wkoll **Antione Vassallo vs Robert Vassallo**" (P.A. (JRM) – 7 ta' Lulju 2011); "**Victor Pisani vs Grazio Mizzi et**" (P.A. (TM) – 19 ta' Ottubru 2007); "**Profs Anthony J. Mamo noe vs Nobbli Charles Sant Fournier noe**" - 2 ta' Mejju 1957 – Vol.XLIB.i.298).

10 **Judith Luccese noe vs Rita Sultana pro et noe et**, Qorti tal-Appell Civili (3 ta' Dicembru 2004).

11 **Vincent Camilleri vs Emanuel Camilleri et**, Qorti tal-Appell Civili (26 ta' Gunju 2015).

> ***akkwistat. Din it-teorija hija suffragata mill-awtorita' tal-Pothier (Mandato, Lib.II,sez.III, para.2, no.59). 'Se io ho incaricato taluno di comperarmi una certa cosa, il mandatario che si e' incaricato del mio mandato, e che ha comperato, e che si e' fatto consegnare la cosa, deve restituirmela, ancorche' ne avesse fatto l'acquisto in suo nome'. L-istess haga jghid Laurent, Principi di Diritto Civile, Tomo XXVIII,para.61 :- 'Il-mandatario, sebbene tratti in nome proprio, rimane obbligato verso il mandante, ammenocche' non abbia rinunziato il mandato. Sinche' il mandato sussiste, il mandatario e' tenuto ad esiguirlo; dunque quando tratta con un terzo, quantunque in nome proprio, si presumu che, rispetto al mandante, egli abbia trattato nell'interesse di questo, e che abbia fatto la cosa di cui era incaricato' u l-Baudry-Lacantinerie, Del Mandato, para. 608 :- 'Se il mandatario ha contrattato in nome proprio, egli deve surrogare il mandante nei diritti acquisiti' (v. pure Chironi, Diritto Civili, Studi, Vol.III, pag.149); "Fl-istess sens gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell ta' Milano fit-30 ta' Dicembru 1869, Ricci XXI.2.1630, riportata fl-imsemmija sentenza "Galea vs Gauci", mill-C. Torino fit-13 ta' Marzu 1885, Airaldi c. Robert, Annali 1885,213, riportata fil-Fadda, Vol.IX,pag.738, no.63, u A. Calabrie 23 ta' Gunju 1871, Pisani vs. Colerno, Fadda, ibidem 83.***[12]

Illi kkonsidrat dak li gie konstatat aktar il-fuq, il-Qorti tqis illi fil-kaz de quo kien hemm ftehim prestanome bejn il-partijiet, u kien a bazi ta' dan il-ftehim illi l-intimat akkwista s-sehem ta' martu sabiex hu u huh ir-rikorrent ikun jistu' jsiru shab fin-negozju. Il-Qorti hija ta' dan il-fehma minhabba illi:

1. Gie pruvat illi kien hemm qbil bejn il-partijiet illi l-intimat jixtri sehem martu mill-komunjoni tal-akkwisti ghar-rikorrent, haga li anke l-intimat stess qall lil

[12] **Carmel Farrugia vs Giuseppe Farrugia, Prim'Awla tal-Qorti Civili** (20 ta' Novembru 1953). Vide wkoll **Philip Cauchi vs Doris Pace**" (P.A. (TM) – 28 ta' Novembru 2008); **Yvonne Borg vs Christopher Borg**" (A.C. - 25 ta' Gunju 2010); "**Carmel sive Charlie Saliba et vs Benigno sive Benny Saliba et**." (M (Ghaw) - 1 ta' Ottubru 2009); "**Rosario Agius et vs Carmelo sive Charles Agius et**" (A.C. – 26 ta' Gunju 2009); **Victor Pisani vs Grazio Mizzi et**" – A.C. – 29 ta' Jannar 2010.

diversi niex li xehdu f'dawn il-proceduri, kif diga indikat iktar il-fuq nonostante l-fatt illi huwa jallega li mhux minnu li kien hemm tali ftehim;

2. Il-flus ghas-sehem mill-komunjoni tal-akkwisti ta' mart l-intimat hargu minghand ir-rikorrent, fatt illi m'huwiex kontestat;

3. Ir-rikorrent ghamel spejjez ohra relatati, inkluz li hallas djun gravanti fuq l-immobbli u r-restaurant li kienu jifformaw parti mill-komunjoni.[13]

Din il-Qorti hija tal-fehma li konsegewenza ta' dan il-ftehim, ir-rikorrent huwa intitolat ghal nofs l-ishma tas-socjeta Geomike Limited, u dan b'applikazzjoni tal-principju pacta sunt servanda. Ghalkemm l-ishma kienu rregistrat biss f'isem ir-rikorrent (appart dak il-wiehed rregistrat f'isem huh Michael Cauchi), dawn l-ishma kienu jaghmlu part mill-komunjoni tal-akkwisti illi kellhu ma' martu Rosette. Ladarba dawn l-ishma kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti l-ishma kienu taghhom it-tnejn *jointly*, u martu ghalhekk  kienet opis legis membru tas-socjeta Geomike. Il-konsegwenza tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghalhekk kienet illi hija ssir membru de proprio ghar-rigward tan-nofs illi huwa taghha minhabba l-komunjoni, u ghalhekk meta  sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti gie akkwistat mill-intimat bhala l-mandatarju prestanome tar-rikorrent, ir-rikorrent akkwista l-ishma li wara d-divizjoni kieku kienu jsiru taghha de proprio.[14] Dan naturalment salv li jsiru l-formalitajiet kollha neccessarji skont il-ligi biex jigi registrat it-trasferiment tal-ishma, li hija r-raguni ghalfejn ir-rikorrent intavola dawn il-proceduri.

Id-dritt ta' azzjoni tar-rikorrenti kontra l-intimati ma jirrizultax biss mill-gurisprudenza citata, izda anke mill-ligi stess u senjatament mill-Artikolu 1871A tal-Kodici Civili.[15] Kif gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Joanne Cordina vs Charles Cordina**:

---

[13] **Elizabeth Elkhiate Attard et vs Emanuel Attard et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (28 ta' Frar 2001).

[14] **Michael Debono et vs Mario Debono**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (28 ta' Gunju 2012), ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Civili fit-28 ta' Gunju 2013.

[15] **Charles Galea vs Health Managers et,** Qorti tal-Magistrati (14 ta' Jannar 2013).

> ***bl-Att numru XIII ta' l- 2004 gew introdotti emendi komprensivi fil-Kodici Civili (Kap.16) dwar id-dmirijiet ta' fiducarju (Artikolu 1124A tal-Kodici Civili) u dwar il-mandat prestanome (principju li kien ilu jigi applikat fis-sistema guridika taghna). Il-Qorti tqies li bid-dhul fis-sehh ta' dan l-Att, is-sitwazzjoni giet hafna iktar iccarata u l-legislatur introduca provvedimenti dettaljati fejn mandatarju jzomm ghandu proprjetà f'isem haddiehor u anke rimedji godda. Insibu wkoll rimedji bhal per ezempju li persuna li tikser l-obbligazzjonijiet fiducarji trid trodd lura l-proprjetà u kull beneficcju li tkun hadet bi ksur ta' l-obbligazzjonijiet. Dan jinkludi l-proprjetà li fiha tista' tkun giet konvertita l-proprjetà originali (Art. 1124A(6) tal-Kodici Civili).***[16]

L-Artikolu 1871A filfatt jipprovdi illi:

> ***kull persuna li zzomm proprjetà ghal persuna ohra, izzomm il-proprjetà soggetta ghal obbligazzjonijiet fiducarji lejn il-persuna li tinkarigaha ghal dak l-ghan, u tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar obbligazzjonijiet fiducarji. Meta dik il-persuna takkwista proprjetà f'isimha stess izda ghan-nom ta' mandant, il-mandant jkollu f'kull zmien il-jedd li jitlob minghand il-mandatarju t-trasferiment taghha immedjat u bla kondizzjoni. Il-mandatarju ghandu ma' dik it-talba, jew, f'kull kaz mat-tmiem taz-zmien li matulu kellu jkompli l-mandat, minnufih jaghti rendikont tal-mandat tieghu skond l-artikolu 1875 u jittrasferixxi l-proprjetà lill-mandant b'dak il-mod li jkun xieraq, soggett ghal xi kondizzjonijeit specjali tal-mandat dwar drittijeit u spejjez u jeddijeit ta' xi terzi in bona fide.***

Fid-dawl ta' dan l-Artikolu, u l-gurisprudenza su citata, il-Qorti hija tal-fehma illi l-intimat u s-socjeta intimata huma obbligati li jaghmlu dak kollhu li hu rikjest ai termini tal-ligi sabiex jigu rregistrati fuq isem ir-rikorrent nofs l-ishma tas-socjeta

[16] **Joanne Cordina vs Charles Cordina**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (26 ta' Settembru 2007).

Geomika, u cioe l-ishma li kienu jifformaw parti minn sehem mart l-intimat mill-komunjoni tal-akkwisti, sabiex dawn jghaddu formalment f'isem ir-rikorrent u jigu debitament registrati f'ismu bhala l-veru proprjetarju taghhom.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat George sive Gino Cauchi u tas-socjeta' intimata Geomike Limited , tilqa t-talbiet tar-rikorrent, John Cauchi u tordna li fi zmien xahar mill-llum isiri l-atti rikjesti mill-ligi ghat-trasferiment f'isem ir-rikorrent **ta' nofs l-ishma tas-socjeta Geomike Limited,** u tinnomina lil Dr. Stefano Filletti bhala kuratur ghal eventwali kontumacja tal-intimat fuq l-atti neccessarji sabiex isir it-trasferiment tal-ishma.

Tordna notifika tas-sentenza lil Dr. Stefano Filletti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat George sive Gino Cauchi u s-socjeta' intimata Geomike Limited.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**